MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 61/2012

AB

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fil-knisja ta' Marija Bambina gewwa l-Isla nhar it-22 ta' Settembru 1996;

2. Illi dan iz-zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku att numru 1289/1996 kopja tac-certifikat anness u mmarkat Dok. A;

3. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, X li llum ghandu tlettax-il sena u Y li llum ghandu tnax-il sena li t-tnejn u ghalhekk it-tnejn ghadhom minuri;

4. Illi dan iz-zwieg tkisser irremedjabbilment u l-partijiet kienu gew debitament awtorizzati permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti ta’ nhar is-7 t’Awwissu 2007 (Dig numru 1355/07) sabiex jipprocedu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali;

5. Illi ghalhekk is-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija regolata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti n-Nutar Stephanie Psaila datat wiehed u ghoxrin (21) t’Awwissu tas-sena elfejn u sebgha (2007) kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok B;

6. Illi l-esponenti ilha separata legalment ghal aktar minn erba' (4) snin;

7. Illi ma hemmx possibilita' li l-partijiet jergghu jirrikonciljaw;

8. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

a) tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar it-22 ta’ Settembru 1996 jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;

b) tordna li d-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u

c) taghti kull provvidiment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Awissu 2007;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti lilha mill-intimat;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------